## NIBQGĦU NITGĦALLMU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Neħemija.**
**Neħ 8, 2-4a, 5-6, 8-10**

F'dak iż-żmien: Esdra l-qassis ġieb il-ktieb tal-Liġi quddiem il-ġemgħa, irġiel u nisa, u quddiem kull min seta' jisma' u jifhem.
U beda jaqrah biswit il-misraħ ta' quddiem il-Bieb ta' l-Ilma, minn sbiħ il-jum sa nofsinhar, quddiem l-irġiel u n-nisa u dawk kollha li setgħu jifhmu. U l-poplu kollu kellu widnejh imdawra lejn il-ktieb tal-Liġi. Esdra l-kittieb kien wieqaf fuq tribuna ta' injam magħmula għalhekk. Fetaħ il-ktieb quddiem għajnejn il-poplu kollu, billi hu kien ogħla minn kulħadd, u, kif fetħu, il-poplu kollu qam bilwieqfa. U Esdra bierek lill-Mulej, Alla kbir, u l-poplu kollu għolla idejh u wieġeb: "Amen! Amen!'' U baxxew rashom u niżlu wiċċhom fl-art quddiem il-Mulej.
Bdew jaqraw mill-ktieb tal-Liġi ta' Alla biċċa biċċa u jfissruha u jfehmuha lill-poplu. Neħemija l-gvernatur, u Esdra l-qassis u kittieb, u l-leviti li kienu jgħallmu lill-poplu, qalu lin-nies kollha: "Qaddis hu dan il-jum quddiem il-Mulej, Alla tagħkom. La titnehdux u la tibkux.'' Għax il-poplu kollu qabad jibki malli sema' kliem il-Liġi.
U Neħemija qalilhom: "Morru, kulu ikel bnin u ixorbu nbid ħelu, u ibagħtu sehem lil dawk li ma għandhomx xejn lest, għax dan hu jum qaddis quddiem is-Sid tagħna, u la ssewdux qalbkom, għax ferħ il-Mulej hu l-qawwa tagħkom.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 18**
**Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja**

Il-Liġi tal-Mulej sħiħa,
tagħti l-ħajja;
ix-xhieda tal-Mulej sewwa,
tgħallem lil min ma jafx.

**R/. Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja.**

Il-preċetti tal-Mulej tajbin,
iferrħu l-qalb;
Il-kmandament tal-Mulej safi,
idawwal il-għajnejn.

**R/. Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja.**

Il-biża' tal-Mulej nadif,
jibqa' għal dejjem;
l-ordnijiet tal-Mulej sewwa,
imseddqa għal kollox.
Ħa jkun magħġub kliem fommi
u l-ħsibijiet ta' qalbi quddiemek,

Mulej, blata tiegħi u feddej tiegħi.

**R/. Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja.**

**IT-TIENI QARI**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax).**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**
**1 Kor 12, 12-30**

Ħuti: Bħalma l-ġisem hu wieħed, u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu. Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed. Issa l-ġisem mhuwiex membru wieħed, iżda ħafna.
(Kieku r-riġel kellu jgħid, Ladarba miniex l-id, jien miniex biċċa mill-ġisem, ma jfissirx b'daqshekk li hu mhuwiex biċċa mill-ġisem. U kieku l-widna kellha tgħid, "Ladarba miniex il-għajn, jien miniex biċċa mill-ġisem,'' ma jfissirx b'daqshekk li hi mhijiex biċċa mill-ġisem. Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn kien ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn kien ikun ix-xamm? Iżda Alla qiegħed il-membri tal-ġisem kull wieħed fil-post tiegħu, kif għoġbu hu. Kieku kollox kellu jkun membru wieħed, fejn hu l-ġisem? Imma ħafna, iva, huma l-membri, iżda wieħed hu l-ġisem. Il-għajn ma tistax tgħid lill-id, ":Jien ma għandix bżonnok,'' anqas ir-ras ma tgħid lir-riġlejn, "Ma għandix bżonnkom.'' Għall-kuntrarju, il-membri li jidhrulna l-iktar dgħajfa huma iktar meħtieġa. Nagħtu iktar ġieh lil dawk il-membri li naħsbuhom b'inqas ġieh; u nieħdu ħsieb il-membri li jidhru inqas xierqa: il-membri xierqa ma għandhom bżonn ta' xejn. Iżda Alla ħadem u qassam il-ġisem b'mod li ta l-ikbar ġieh lil dawk il-membri li l-iktar għandhom bżonnu. Hekk ma hemmx firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin. Jekk membru jbati, ibatu ilkoll miegħu; u jekk wieħed ifaħħruh, jifirħu ilkoll flimkien).
Issa intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu.
(Lil xi wħud Alla qegħidhom fil-Knisja fl-ewwel post bħala appostli, it-tieni bħala profeti, it-tielet bħala għalliema. Imbagħad min jagħmel il-mirakli, imbagħad min għandu d-don tal-fejqan, min igħin, min imexxi, min jitkellem b'ħafna ilsna. Jaqaw ilkoll appostli? Ilkoll profeti? Ilkoll għalliema? Ilkoll bid-don tal-mirakli? Ilkoll għandhom id-don tal-fejqan? Ilkoll jitħaddtu bl-ilsna? Ilkoll ifisssru?)

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Il-Mulej bagħatni
biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin
u nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Bidu ta' l-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 1, 1-4; 4, 14-21**

Billi kien hemm bosta li ndaħlu għax-xogħol li jiġbru sewwa l-istorja tal-ġrajja li seħħu fostna, kif għaddewhom lilna dawk li sa mill-bidu rawhom b'għajnejhom u saru ministri tal-kelma, hekk ukoll jien, u wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li niktiblek kollox ħaġa wara l-oħra, għażiż Teofilus, ħalli tagħraf sewwa l-qawwa tat-tagħlim li tgħallimt.
Jum wieħed, Ġesu', bil-qawwa ta' l-Ispirtu, reġa' ġie fil-Galilija, u l-fama tiegħu xterdet ma' dawk l-inħawi kollha. Hu kien igħallem fis-sinagogi tagħhom, fost it-tifħir ta' kulħadd. Ġie f'Nażaret fejn kien trabba, u, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt, daħal fis-sinagoga tagħhom, u qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, u, waqt li beda jħoll il-ktieb, sab fejn kien hemm miktub dan: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin, u nniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej.''
Imbagħad kebbeb il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda. Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammrin fuqu. U beda jgħidilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**